BANK ĊENTRALI TA' MALTA
EUROSISTEMA
CENTRAL BANK OF MALTA

# STATISTIKA MONETARJA TA' KULL XAHAR

14 ta` Ottubru 2013

**ĦARĠA NRU. 7/2013**

**LULJU 2013**

Il-Bank Ċentrali ta' Malta għadu kif ħareġ il-kummentarju tiegħu dwar il-ħruġ tal-istatistika monetarja għax-xahar ta' Lulju 2013.

**Depożiti ta' residenti f'Malta**

F'Lulju, id-depożiti ta' residenti f'Malta miżmuma ma' istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) residenti f'Malta żdiedu b'€70.4 miljun, jew b'0.8% (ara Tabella 1). Madankollu, ir-rata tat-tkabbir annwali naqset għal 5.2%, minn 5.7% x-xahar ta' qabel (ara Grafika 1).

Id-depożiti *overnight* żdiedu b'€49.6 miljun, jew b'0.9%, matul ix-xahar minħabba l-bilanċi tal-kumpaniji privati mhux finanzjarji u, fi grad inqas, il-bilanċi tal-individwi. Ir-rata tat-tkabbir annwali ta' dawn id-depożiti kienet ta' 10.4%.

Id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew inqas żdiedu b'€21.3 miljun, jew b'0.6%, l-aktar minħabba żieda fil-bilanċi tal-kumpaniji privati mhux finanzjarji u tal-individwi li pattew għal tnaqqis fid-depożiti miżmuma minn kumpaniji pubbliċi mhux finanzjarji. Fuq bażi annwali, ir-rata tat-tkabbir ta' dawn id-depożiti baqgħet waħda negattiva ta' -1.0%.

Sadattant, id-depożiti li jinfdew b'avviż ta' tliet xhur jew inqas, li jammontaw għal proporzjon żgħir ħafna tad-depożiti tar-residenti, naqsu b'€0.6 miljun, jew b'0.5%, hekk kif naqsu l-bilanċi tal-individwi u kumpaniji privati mhux finanzjarji.

**Kreditu mogħti lil residenti f'Malta**

F'Lulju, il-kreditu mogħti minn IFM residenti f'Malta lil residenti f'Malta naqas b'€51.5 miljun, jew b'0.5%. B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu nbidlet f'waħda negattiva u niżlet għal -0.4% (ara Grafika 2). It-tnaqqis seħħ minħabba tnaqqis fil-kreditu kemm lill-gvern ġenerali u kemm lil residenti oħra.

Il-kreditu lill-gvern ġenerali naqas b'€19.0 miljun, jew b'0.8%, matul ix-xahar hekk kif tnaqqis fl-ammont ta' *bills* tat-Teżor miżmuma mill-banek kien biss megħlub parzjalment biż-żieda fil-portafolji tagħhom ta' Stokks tal-Gvern ta' Malta. Minħabba dan iċ-ċaqliq, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu lill-gvern ġenerali naqset minn 2.3% f'Ġunju għal -0.6% f'Lulju.

Sadattant, il-kreditu lil residenti oħra naqas bi €32.4 miljun, jew b'0.4%, wara tnaqqis fis-self mogħti lil kumpaniji privati mhux finanzjarji li joperaw fis-settur tal-bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut, u fis-settur tal-kostruzzjoni. Flimkien dawn pattew għal żieda fis-


Ir-riproduzzjoni hija permessa sakemm jissemma s-sors.

self għal xiri tad-djar mogħti lill-individwi. Fuq bażi annwali, ir-rata tat-tkabbir fil-kreditu lil residenti oħra nbidlet ukoll f'waħda negattiva f'Lulju meta niżlet għal -0.3% minn 0.2% f'Ġunju.

## Assi barranin netti tal-IFM Maltin

L-assi barranin netti tal-IFM residenti f'Malta naqsu b'€24.1 miljun, jew b'0.2%, hekk kif żieda fl-obbligazzjonijiet lejn residenti barranin għelbet żieda fl-obbligazzjonijiet korrispondenti (ara Tabella 1).[1] Iż-żieda fl-obbligazzjonijiet lejn residenti barranin irriflettiet żieda fid-depożiti barranin miżmuma ma' banek residenti. Bl-istess mod, iż-żieda fl-obbligazzjonijiet ta' residenti barranin irriflettiet l-aktar bilanċi ogħla ta' depożiti tal-banek miżmuma barra minn Malta. Ħafna drabi, it-transazzjonijiet transkonfinali ta' banek internazzjonali li joperaw minn Malta jikkawżaw ċaqliq kbir kemm fl-assi u kemm fl-obbligazzjonijiet barranin. L-assi barranin netti naqsu bi 3.6% fis-sena sa Lulju, wara tnaqqis ta' 1.2% fit-tnax-il xahar sa Ġunju.

## Rati ta' imgħax bankarji fuq self u depożiti[2]

F'Lulju, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa mill-IFM fuq id-depożiti kollha miżmuma minn individwi Maltin u kumpaniji mhux finanzjarji niżlet b'punt bażi għal 1.42%. Sadattant, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax mitluba mill-IFM residenti f'Malta fuq is-self lill-individwi u kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta naqset bi tliet punti bażi għal 4.30%.

Meta mqabbla ma' sena qabel, ir-rata medja ppeżata tal-imgħax imħallsa fuq id-depożiti kienet żewġ punti bażi iktar, filwaqt li dik mitluba fuq is-self kienet tliet punti bażi inqas.

## Il-kontribuzzjoni ta' Malta għall-aggregati monetarji u l-kontropartijiet taż-żona tal-euro

Il-kontribuzzjoni tal-IFM residenti f'Malta għall-aggregat monetarju sħiħ (M3) taż-żona tal-euro żdiedet b'€236.9 miljun, jew bi 2.2%, f'Lulju għal €11.0 biljun (ara Tabella 2). B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali aċċellerat għal 7.4% minn 7.2% x-xahar ta' qabel.

Żviluppi fl-M3 matul ix-xahar prinċipalment irriflettew ċaqliq fil-komponent monetarju intermedju (M2), li żdied b'€216.2 miljun, jew bi 2.1%. F'Lulju, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-M2 telgħet għal 7.6% minn 7.5% f'Ġunju.

L-aggregat monetarju ristrett (M1), li jagħmel parti mill-M2, żdied b'€85.5 miljun, jew b'1.4%, f'Lulju l-aktar minħabba żieda fid-depożiti *overnight.* Dawn żdiedu b'€66.6 miljun, jew b'1.2%, l-aktar minħabba l-bilanċi ta' kumpaniji privati mhux finanzjarji u individwi. Fl-istess waqt, il-flus maħruġa, jiġifieri l-kumplament tal-komponent M1, żdiedu b'€19.0 miljun.

Id-depożiti li ntrabtu għal sentejn jew inqas, li jagħmlu parti mill-M2, żdiedu b'€131.3 miljun, jew bi 3.2%, hekk kif żdiedu b'mod sinifikanti l-bilanċi tal-kumpaniji privati

[1] L-assi barranin netti jikkonsistu f'obbligazzjonijiet netti ta' residenti fil-kumplament tad-dinja lejn IFM residenti f'Malta. Ir-residenti fil-kumplament tad-dinja jinkludu residenti barra ż-żona tal-euro u residenti ta' pajjiżi fiż-żona tal-euro barra Malta.

[2] L-informazzjoni dwar ir-rati tal-imgħax fuq dejn mhux imħallas tkopri d-depożiti tal-IFM f'denominazzjonijiet tal-euro miżmuma mill-individwi u minn kumpaniji mhux finanzjarji residenti f'Malta u s-self mogħti lilhom. Kumpaniji mhux finanzjarji jinkludu l-intrapriżi kollha minbarra banek, kumpaniji tal-assikurazzjoni u istituzzjonijiet finanzjarji oħra.

**Central Bank of Malta**
Communications Department
Pjazza Kastilja, Valletta VLT 1060, MALTA
Tel: +356 2550 3100, Fax: +356 2550 2500/4950
E-mail: publicrelations@centralbankmalta.org
Website: www.centralbankmalta.org

**Ir-riproduzzjoni hija permessa sakemm jissemma s-sors.**

mhux finanzjarji. B’kuntrarju għal dan, id-depożiti li jinfdew b’avviż ta tliet xhur jew anqas naqsu b'€0.6 miljun, jew b'0.5%, hekk kif naqsu l-bilanċi tal-individwi u tal-kumpaniji privati mhux finanzjarji.

Fir-rigward tal-kontropartijiet tal-M3, il-kreditu lil residenti f'pajjiżi taż-żona tal-euro naqas b'€109.9 miljun, jew b'0.7%, f'Lulju minħabba tnaqqis mifrux fil-kreditu mogħti lill-biċċa l-kbira tas-setturi tal-ekonomija. B'riżultat ta' dan, ir-rata tat-tkabbir annwali tal-kreditu f'Lulju naqset b'6.1% fuq bażi annwali.

Il-kreditu lill-gvern ġenerali naqas b'€30.9 miljun, jew b'0.8%, filwaqt li l-kreditu lil setturi oħra tal-ekonomija naqas bi €78.9 miljun, jew b'0.7%, matul ix-xahar. It-tnaqqis fil-kreditu lil setturi oħra tal-ekonomija kien evidenti l-aktar fil-kreditu mogħti lil residenti ta' pajjiżi taż-żona tal-euro barra Malta, partikolarment il-kumpaniji privati mhux finanzjarji u l-intermedjarji finanzjarji li mhumiex banek.

Il-kontroparti esterna tal-M3, li tirrifletti transazzjonijiet bejn IFM residenti f’Malta u residenti ta’ pajjiżi barra ż-żona tal-euro, żdiedet b’€488.9 miljun, jew b’4.6%. Din irriflettiet żieda fl-obbligazzjonijiet ta’ residenti barranin li seħħet l-aktar minħabba żieda fid-depożiti tal-IFM miżmuma ma' banek barra ż-żona tal-euro. L-obbligazzjonijiet lejn residenti barranin ukoll żdiedu, għalkemm b’rata inqas mgħaġġla, minħabba tkabbir fid-depożiti fissi ta' kumpaniji privati mhux finanzjarji miżmuma ma' banek residenti.

Il-kategorija ‘il-kontropartijiet l-oħra’, li taħdem bil-maqlub tal-M3, żdiedet b’€142.1 miljun, jew b'1.0%, matul ix-xahar minħabba żieda f’obbligazzjonijiet oħra (netti). Din iż-żieda irriflettiet l-aktar it-transazzjonijiet bejn banek residenti f’Malta u banek residenti f’pajjiżi oħra taż-żona tal-euro. Fl-istess waqt, l-obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali naqsu b’€137.7 miljun, jew b'20.0%, minħabba tnaqqis fid-depożiti tal-gvern. L-obbligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal naqsu b’€7.7 miljun, jew b’0.1%, minħabba tnaqqis fl-ishma u capital ieħor.

***Aktar informazzjoni ekonomika u monetarja tista’ tinkiseb mis-sit elettroniku tal-Bank Ċentrali ta’ Malta www.centralbankmalta.org***

**Central Bank of Malta**
Communications Department
Pjazza Kastilja, Valletta VLT 1060, MALTA
Tel: +356 2550 3100, Fax: +356 2550 2500/4950
E-mail: publicrelations@centralbankmalta.org
Website: www.centralbankmalta.org

**Ir-riproduzzjoni hija permessa sakemm jissemma s-sors.**

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 1: ŻVILUPPI FID-DEPOŻITI U FIS-SELF TA' RESIDENTI TA' MALTA U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI(1)

*EUR miljuni*

| | Lul-13 | Ġun-13 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Lul-12 | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Lul-13 | Ġun-13 |
| **DEPOŻITI** | | | | | | | |
| **DEPOŻITI TOTALI TA' RESIDENTI(2)** | **9,221.7** | **9,151.3** | **70.4** | **0.8** | **8,769.3** | **5.2** | **5.7** |
| Depożiti *overnight* | 5,472.1 | 5,422.5 | 49.6 | 0.9 | 4,954.5 | 10.4 | 11.0 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas | 112.4 | 113.0 | -0.6 | -0.5 | 141.1 | -20.4 | -21.6 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas | 3,637.2 | 3,615.8 | 21.3 | 0.6 | 3,673.7 | -1.0 | -0.5 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI** | | | | | | | |
| **SELF TOTALI LIL RESIDENTI** | **11,120.0** | **11,171.5** | **-51.5** | **-0.5** | **11,162.3** | **-0.4** | **0.7** |
| Self lill-gvern ġenerali | 2,486.8 | 2,505.8 | -19.0 | -0.8 | 2,502.2 | -0.6 | 2.3 |
| Self lil setturi oħra | 8,633.2 | 8,665.7 | -32.4 | -0.4 | 8,660.1 | -0.3 | 0.2 |
| **ASSI NETTI BARRANIN** | **11,587.6** | **11,611.7** | **-24.1** | **-0.2** | **12,026.1** | **-3.6** | **-1.2** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barranin | 44,702.1 | 44,087.9 | 614.2 | 1.4 | 45,482.2 | -1.7 | 1.4 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barranin (-) | 33,114.4 | 32,476.2 | 638.2 | 2.0 | 33,456.1 | -1.0 | 2.4 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.

(2) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

# BANK ĊENTRALI TA' MALTA

## TABELLA 2: IL-KONTRIBUZZJONI TAL-IFMs RESIDENTI
## LILL-AGGREGATI MONETARJI TAŻ-ŻONA TAL-EURO U KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAGĦHOM[(1)(2)]

*EUR miljuni*

| | Lul-13 | Ġun-13 | Bidla fuq ix-xahar ta' qabel | Bidla perċentwali fuq ix-xahar ta' qabel | Lul-12 | Bidla perċentwali fuq is-sena ta' qabel | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | Lul-13 | Ġun-13 |
| **L-AGGREGATI MONETARJI[(3)]** | | | | | | | |
| **L-AGGREGAT RISTRETT (M1)** | **6,404.6** | **6,319.0** | **85.5** | **1.4** | **5,859.8** | **9.3** | **9.4** |
| Flus maħruġa[(4)] | 751.4 | 732.4 | 19.0 | 2.6 | 723.7 | 3.8 | 2.1 |
| Depożiti *overnight* [(5)] | 5,653.2 | 5,586.6 | 66.6 | 1.2 | 5,136.1 | 10.1 | 10.4 |
| **L-AGGREGAT INTERMEDJU (M2)** | **10,753.6** | **10,537.3** | **216.2** | **2.1** | **9,997.6** | **7.6** | **7.5** |
| L-aggregat ristrett (M1) | 6,404.6 | 6,319.0 | 85.5 | 1.4 | 5,859.8 | 9.3 | 9.4 |
| Depożiti li jistgħu jinfdew b'avviż ta' 3 xhur jew anqas[(5)] | 112.5 | 113.0 | -0.6 | -0.5 | 143.3 | -21.5 | -22.7 |
| Depożiti li ntrabtu għal sentejn jew anqas[(5)] | 4,236.5 | 4,105.2 | 131.3 | 3.2 | 3,994.5 | 6.1 | 5.8 |
| **L-AGGREGAT SĦIĦ (M3)** | **10,968.9** | **10,732.0** | **236.9** | **2.2** | **10,209.0** | **7.4** | **7.2** |
| L-aggregat intermedju (M2) | 10,753.6 | 10,537.3 | 216.2 | 2.1 | 9,997.6 | 7.6 | 7.5 |
| Titoli negozjabbli[(6)] | 215.3 | 194.7 | 20.6 | 10.6 | 211.4 | 1.8 | -7.1 |
| **KONTROPARTIJIET PARTIKOLARI TAL-M3** | | | | | | | |
| **IL-KONTROPARTI TAS-SELF** | **14,959.5** | **15,069.3** | **-109.9** | **-0.7** | **15,926.3** | **-6.1** | **-3.7** |
| Self lill-gvern ġenerali | 3,958.8 | 3,989.8 | -30.9 | -0.8 | 3,906.8 | 1.3 | -4.5 |
| Self lil setturi oħra | 11,000.6 | 11,079.6 | -78.9 | -0.7 | 12,019.5 | -8.5 | -3.4 |
| **IL-KONTROPARTI ESTERNA** | **11,025.6** | **10,536.7** | **488.9** | **4.6** | **9,744.9** | **13.1** | **-2.6** |
| Obbligazzjonijiet ta' residenti barra ż-żona tal-euro | 34,680.6 | 34,047.4 | 633.2 | 1.9 | 34,673.6 | 0.0 | 1.0 |
| Obbligazzjonijiet lejn residenti barra ż-żona tal-euro (-) | 23,654.9 | 23,510.7 | 144.3 | 0.6 | 24,928.7 | -5.1 | 2.7 |
| **IL-KONTROPARTIJIET L-OĦRA (-)** | **15,016.1** | **14,874.0** | **142.1** | **1.0** | **15,462.2** | **-2.9** | **-9.6** |
| Obbligazzjonijiet lill-gvern ċentrali | 550.6 | 688.4 | -137.7 | -20.0 | 722.3 | -23.8 | -13.0 |
| Obligazzjonijiet finanzjarji fuq żmien itwal | 11,781.2 | 11,788.9 | -7.7 | -0.1 | 12,513.3 | -5.9 | -3.1 |
| Obbligazzjonijiet oħra (netti) | 2,684.3 | 2,396.8 | 287.5 | 12.0 | 2,226.6 | 20.6 | -31.4 |

(1) It-totali jistgħu ma jaqblux mas-somma tal-komponenti minħabba rrawndjar.

(2) Il-figuri juru l-kontribuzzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji monetarji (IFM) Maltin għat-totali taż-żona tal-euro.

(3) Data dwar l-aggregati monetarji jinkludu obbligazzjonijiet fuq depożiti kemm lil residenti ta' Malta kif ukoll lil residenti oħra fiż-żona tal-euro.

(4) Dan ma jirrappreżentax kejl tal-flus fiċ-ċirkolazzjoni f'Malta. Dan jinkludi s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta mill-karti tal-flus tal-euro maħruġa mill-Eurosistema, skont l-*allocation key* tal-karti tal-flus (li tirrifletti s-sehem tal-Bank Ċentrali ta' Malta fil-kapital imħallas tal-BĊE), kif ukoll muniti maħruġa mill-Bank f'isem it-Teżor wara li jiġi mnaqqas il-valur ta' karti tal-flus u muniti tal-euro miżmuma mis-settur tal-IFM.

(5) Id-depożiti ma' IFM ma jinkludux depożiti ta' bejn il-banek u depożiti miżmuma mill-gvern ċentrali.

(6) Titoli negozjabbli jinkludu titoli ta' dejn b'maturita' ta' sentejn jew anqas maħruġa minn IFM f'Malta wara li jitnaqqas l-ammont tal-istess titoli miżmuma minn IFM f'Malta li nħarġu minn IFM f'postijiet oħra fiż-żona tal-euro. Din il-filliera turi l-ammonti netti (ħruġ ta' titoli bl-ammont miżmum minn IFM f'Malta mnaqqas) u jistgħu jkunu negattivi. Il-figuri jinkludu wkoll ishma/unitajiet ta' fondi tas-suq monetarju u ftehim għal xiri mill-ġdid li mhumiex immexxija minn kontropartijiet ċentrali.

Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

**Grafika 1**
**Tkabbir f'depożiti magħżula ta' residenti Maltin inklużi fl-M3**
*(bidliet perċentwali annwali)*




Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.

**Grafika 2**
**Kreditu lir-residenti Maltin**
*(bidliet perċentwali annwali)*




Sors: Bank Ċentrali ta' Malta.